BIRGU
Citta` Vittoriosa

# Kunsill Lokali Birgu

**Head Office** - Couvre Porte - Birgu BRG 1810 Tel : 21662166 Fax : 21662266
**Front Office** – Auberge d'Angleterre, Triq il-Majjistral., Birgu BRG 1270 Tel/Fax: 21802707
e.mail : birgu.lc@gov.mt website : www.birgu.gov.mt

10 ta' Dicembru, 2010

## Minuti tal-laqgha 51(05)

Il-Kunsill Lokali tal-Birgu ltaqa' ghal-laqgha numru 51(05) fil-Berga ta' Franza nhar il-Hamis 2 ta' Dicembru, 2010 fil-5:30 ta' filghaxija.

### Prezenti

Is-Sur John Boxall - Sindku, s-Sinjura Miriam Grech - Kunsilliera , is-Sur Ivan Peresso – Kunsillier u s-Sinjura Judith Saliba – Kunsilliera.

Il-Vici Sindku, s-sur Christopher Cassar kien skuzat minhabba ragunijiet ta' xoghol.

### Talba

Is-Sindku, s-Sur John Boxall qal it-talba u ta bidu ghal-laqgha.

### 1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

Il-minuti tal-laqgha 50 (05) ittiehdu bhala moqrija.

1.1 Item 1.1 (50/05) – Applikazzjoni ghal premijiet nazzjonali ghall-apogg lill-intraprizi

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera prezenti li s-serata ta' prezentazzjoni ser issir nhar il-Gimgha 3 ta' Dicembru, 2010. Is-Sindku talab lis-Segretarja Ezekuttiva sabiex ticcekja mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali jekk ghal din is-serata kienux biss mistiedna s-Sindku u s-Segretarja Ezekuttiva.



John Boxall - Sindku, Christopher Cassar - Vici Sindku,
Miriam Grech – Kunsilliera, Ivan Peresso – Kunsillier, Judith Saliba - Kunsilliera
Christine Bonello – Segretarja Ezekuttiva

1.2 <u>Item 2.1(50/05) –*Farmer's Market* gewwa l-Birgu</u>

Is-Sindku ssugerixxa sabiex din l-attivita titella' fi Triq it-Torri ta' San Gwann. Is-Sindku talab lis-Segretarja Ezekuttiva tinforma lil membri ta' din l-assocjazzjoni u biex issir laqgha sabiex tigi diskussa f'aktar dettal din l-attivita.

1.3 <u>Item 7 (50/05) Il-progett "Traditional Music and Instruments – Connecting Cultures</u>

Is-Sindku, s-Sur John Boxall, talab lis-Segretarja Ezekuttiva sabiex taghmel kjarifika tal-budget ta' dan il-progett peress li huwa wiehed gholi. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

1.4 <u>Item 5 (50/05) Zvillupi dwar il-progett tal-"Gnien Pubbliku fuq tal-Hawli</u>

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera prezenti li d-dokumenti mitluba mil-Perit, gew mibghuta lil KNPD, biss l-MEPA ghada ma rcievet l-ebda risposta min-naha tal-KNPD. Is-Sur John Boxall, Sindku, nforma lil Kunsilliera li l-ammont ta' flus pendenti mil-Awtorita tad-djar m'ghadhomx ghad-dispozizzjoni tal-Kunsill sabiex issir il-Gnien Fuq tal-Hawli. Is-Sindku spjega kif din l-awtorita ser twaqqaf skema ohra fejn il-Kunsill ser ikun jista' japplika ghat-tkomplija ta' dan il-gnien.

## 2 Korrispondenza

2.1 Memo 126/2010 dwar attivitajiet b'risq il-"Malta Community Chest Fund". Wara diskussjoni, l-kunsilliera prezenti unanimament qablu sabiex il-Kunsill jorganizza "get together", fejn il-qliegh min din l-attivita ser immur kollhu kemm hu ghal "Malta Community Chest Fund".

2.2 Is-Sindku pprezenta ittra li ntbghatet lis-sur Hermann Bonnici, sabiex fil-Berga ta' Franza, titella' esebizzjoni temporanja ghal madwar erba' gimghat, fejn jigu esebiti r-ritratti u l-*artistic impressions* tax-xoghlijiet kollha li ga bdew isiru u dawk li diga hemm ppjanati fil-futur qarib fil-Belt tal-Birgu, relatati mal-porgetti ffinanzjati mil-Unjoni Ewropea.

2.3 Is-Sindku pprezenta kopja tal-protest kontra l-Kummissarju tal-Puliziija dwar il-kwistjoni tal-hruq tan-nar mil-area maghrufa bhala "Il-Glaziz". Is-sur John Boxall ipprezenta ittra minghand is-sur Matthew Tonna, Segretarju mis-Centru 19 ta' Novembru, 1944, Bormla, fejn talab lil Kunsill Lokali tal-Birgu, l-permess sabiex jsir hruq tan-nar min din l-area. Il-Kunsill kif kien qabel unanimament oggezjona ghal din it-talba. Hawnhekk is-Sindku nforma lil Kunsilliera prezenti li l-Kunsill ircieva ittra minghand is-Supretendent s-sur Carmel Bartolo, fejn stqar li l-applikazzjoni hija skond il-ligi u l-Kummissasrju tal-Pulizija bi hsiebu johrog il-permess relattiv sabiex dan in-nar ta' l-ajru jinharaq miz-zona tal-Glaziz. Wara diskussjoni s-Sindku ssugerixxa , sabiex fuq parir ulterjuri, l-Kunsill jaghmel mandat ta' inibizjoni. Dwar dan kien hemm qbil unanimu. Barra min hekk s-Sindku zied jghid li l-Kunsill ghandu appuntament mal-Kummissarju tal-Pulizija nhar it-Tlieta 7 ta' Dicembru, 2010.

2.4 Is-Sur John Boxall, Sindku, nforma lil Kunsilliera prezenti li l-Pulizija, harget ordni li l-*barriers*, kif ukoll *'no parking' signs* ma jibqghux jinghataw lil Kunsilli waqt attivitajiet. Hawnhekk, is-Sindku pprezenta kopja ta' tabella "no parking", kif ukoll kwotazzjoni minghand il-kumpanija B.Grima & Sons ghal 12 – il tabella bi *stand* ghal prezz ta' € 608.88. Is-Sur Boxall, Sindku, ssugerixxa sabiex il-Kunsill japprova din il-kwotazzjoni. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.5 Is-sur John Boxall, Sindku, qal li sar ftehim ma' benefattur, fejn din il-persuna xtaqet taghmel *'basketball pitch'* fl-Iskola Primarja Santu rokku, bhala donazzjoni. Wara diskussjoni, s-Sindku qal li min-naha tal-Kunsill irid issir d-dawl, kif ukoll ix-xibka mad-dawra ta' dan il-pitch. Ghaldaqstant is-Sindku pprezenta kwotazzjoni minghand il-kumpanija Intersteel Ltd. Ghal prezz ta' € 3776. Is-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jitlob kwotazzjonijiet ohra. Il-Kunsill tah il-fakulta lis-Sindu u s-Segretarja Ezekuttiva sabiex jaghzlu l-irhas offerta.

2.6 Suggeriment minghand is-sur Anthony Farrugia, sabiex waqt il-bini mil-gdid tal-Mina li tghaqqad is-swar ta' Couvre Porte mat-Torri ta' San Gwann, fin-nofs ta' din il-mina issir l-arma tal-Birgu bil-motto ta' din il-Belt. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex dan is-suggeriment jigi diskuss mas-Sur Hermann Bonnici. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.7 Ilment minghand is-sur Lawrence Mallia, li joqghod fi Triq il-Kardinal, fejn issugerixxa li l-bankina fejn "Trafalgar Flats" issir bil-*concrete*, dan minhabba l-fatt li peress li bhalissa l-bankina hija cangatura u ghandu xi kmamar taht l-art, kull darba li taghmel ix-xita qed jidhol l-ilma fid-dar tieghu. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex din il-parti issir bil-*concrete*. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.8 Kwotazzjoni minghand l-kumpanija DEX ghal *chest of drawers* ghal librar ghal librerija regjonali, ghal prezz ta' € 144.55. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill japprova din il-kwotazzjoni. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.9 Is-Sindku, nforma lil Kunsilliera li kien hemm suggeriment sabiex il-Festival tal-loghob Tradizzjonali Malti jibda jitella il-Hadd waqt l-attivita tal-BirguFest. Wara diskussjoni, dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.10 Is-Sindku, s-sur John Boxall, nforma lil Kunsilliera prezenti li l-Kunsill ircieva ilment li l-ispralli ta' l-ilma ta' hdejn il-knisja ta' San Lawrenz ghandhom il-kaptelli miksura, bil-konsegwenza li saret xi hsara fil-katusa ta' l-ilma, liema katusa nqassmet. Is-Sindku zied jghid li l-Arcipriet Fr. Joe Caruana, talab sabiex isiru spralli tal-hadid. Hawnhekk, is-Sur Boxall, Sindku pprezenta kwotazzjoni minghand il-kumpanija Amabile Galea & Sons Ltd. Ghal prezz ta' € 2550. Is-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jitlob kwotazzjonijiet ohra. Il-Kunsill tah il-fakulta lis-Sindu u s-Segretarja Ezekuttiva sabiex jaghzlu l-irhas offerta.

2.11 Is-Sindku pprezenta ghal attenzjoni tal-Kunsill ittra mibghuta min Dr. Karl Briffa ghan-nom tas-sur Noel Castillo dwar il-kwistjoni ta' sparar ta' nar ta' l-ajru min fuq il-bejt tal-Knisja tal-Karmnu, liema ittra wara diskussjoni gie deciz biex tigi injorata.

2.12 Is-Sindku, s-sur John Boxall, pprezenta ghad-diskussjoni l-ftehim dwar l-uzu taz-zona ta' Couvre Porte ghal attivitajiet bhal tigijiet, parties kbar, ricevimenti ecc. Wara diskussjoni, s-sindku ssugerixxa sabiex ghal fini ta' l-uzu ta' din iz-zona organizzaturi iridu jaghtu donazzjoni lil Kunsill Lokali tal-Birgu ta' mhux inqas ta' € 800. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.13. Is-sur John Boxall, Sindku nforma lil Kunsilliera prezenti li t-tfal tas-sur Lawrence Cassar, pprezentaw diversi suggerimenti sabiex jigu fis-sehh fil-Posta ta' Kastilja. Is-Sindku zied jghid li l-Ministeru ser jiddiskuti dawn il-proposti. Wara diskussjoni, l-kunsilliera Miriam Grech ssugeritt sabiex tintalab laqgha mal-Ministru l-Onorevoli George Pullicino, sabiex tigi diskussa din iz-zona. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.14 Ittra minghand is-sur Peter Van Roosmalen, President ta' l-Assocjazzjoni "Walled Towns Friendship Circle" fejn issugerixxa sabiex l-laqgha annwali ta' din l-assocjazzjoni tas-sena 2013 issir f'Malta fl-ibliet tal-Belt Valletta, l-Birgu u l-Mdina. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill isejjah laqgha ma' rapprezentanti mil-Kunsilli Lokali tal-Belt Valletta u ta' l-Imdina. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.15 Is-Sindku nforma lil Kunsilliera prezenti li l-attivita li ttelghet mis-Socjeta Muzikali San Lawrenz bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Birgu nhar is-7 ta' Awwissu, 2010, fejn f'din l-okkazzjoni ngabet il-banda barranija "Philarmonie Royale Concordia, Ottignies", mil-Belgium giet tiswa lil Kunsill € 1000.

2.16 Is-Sur John Boxall, Sindku, pprezenta ghal attenzjoni tal-Kunsill, il-formoli ghan-nominazzjoni – "Premju Nazzjonali Haddiem tas-Sena 2011".

2.17 Stedina mil-Kumitat Hamsin Sena mill-ftuh mill-gdid u l-konsagrazzjoni tal-Knisja Dumnikana tal-Lunzjata tal-Birgu ghal quddiesa ta' radd il-hajr u tifkira tal-konsagrazzjoni ghal nhar il-Hamis 2 ta' Dicembru., 2010. Is-Sindku zied jghid li l-Kunsill nforma lil dan il-kumitat li mil-Kunsill ma setghax jattendi hadd ghal din il-quddiesa peress li fl-imsemmija gurnata ser issir il-laqgha tal-Kunsill, liema laqgha ma tistax issir gurnata ohra, minhabba impenji ohra li ghandhom l-membri tal-Kunsill.

2.18 Talba mis-Sezzjoni Zghazagh Palmizi, sabiex nhar it-Tlieta 22 ta' Dicembru, 2010, din l-ghaqda tisselef it-truck tal-Kunsill sabiex jorganizzaw l-attivita "Father Christmas jigi ghandek", biex bih iduru madwar il-Birgu biex jitqassmu r-rigali. Wara diskussjoni,s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jilqa' u japprova din it-talba. Dwar dan kien hemm qbil unanimu, bil-kundizzjoni li t-truck malli tispicca l-attivita irid jitpogga f'postu u jekk waqt din l-attivita tigi kkawzata hsara fuq dan it-truck, trid tigi mhallsa mill-istess kumitat.

2.19 Is-Sindku s-sur John Boxall, pprezenta ghal attenzjoni tal-Kunsilliera kopja tar-rapport ta' l-Awditur Generali dwar il-Kunsilli Lokali .

2.20 Talba minghand il-kumpanija Segway Malta, liema kumpanija tixtieq torganizza *tours* gewwa l-Birgu ghat-turisti u l-Maltin msejha *Segway Rides*. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jilqa' din it-talba u dwar dan kienm hemm qbil unanimu.
2.21 Ittra minghand l-Assistent Direttur, s-sur Cleavon Vella, fejn talab lil Kunsill jiffissa laqgha ma' l-Onor. Dr. Chris Said sabiex tigi diskussa d-devoluzzjoni ta' l-ewwel sular ta' Couvre Porte. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.22 Is-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill Lokali tal-Birgu jibda jnizzel l-Agenda fuq is-sit elettroniku tal-kunsill. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

## 3 Sala tal-Parocca tal-Birgu.

Is-Sur John Boxall, Sindku, qal li l-Kunsill qieghed jara li l-uzu ta' din mhux qieghed jigi uzat tajjeb u jista' jkun hemm uzu ahjar minnha. Is-Sindku zied jghid li din hija projeta tal-Knisja u ssugerixxa sabiex issir laqgha ma' l-Arcipriet biex tigi diskussa l-uzu ta' din is-sala kif ukoll biex din is-sala tigi devoluta lil Kunsill, jew issiru xi tip ta' arrangamenti sabiex l-istess Kunsill jkun jista' japplika ghal Fondi ta' l-Unjoni Ewrope biex tigi rinovata u tibda isservi ghal kommunita kollha. Dwar dan kien hemm qbil unanimu..

## 4 Konferenza tal-progett "Oralities" fil-Birgu f'Marzu, 2011

Is-Sindku s-sur John Boxall, qal li fil-konferenza li attenda ghaliha hu flimkien mas-Segretarja Ezekuttiva, s-sinjorina Christine Bonello, gewwa Ourense fi Spanja, gie ssugerit sabiex il-konferenza li jmiss ta' dan il-progett issir fil-Belt tal-Birgu, propjament fil-Berga ta' Franza. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

## 5 Taghrif dwar il-progett tal-Berga ta' Franza.

Is-Sur John Boxall, Sindku, nforma lill-Kunsilliera prezenti li bdew id-diskussjonijiet mas-sinjorina Maria Schembri, mil-MEUSAC, sabiex il-Kunsill Lokali tal-Birgu japplika ghal Fondi ERDF ghal progett tar-restawr tal-Berga ta' Franza. Hawnhekk, is-Sindku zied jghid li l-progett ta' l-installazzjoni tal-*photovoltaic cells* fuq il-bejt tal-Berga ta' Franza gie approvat u fi zmien qarib ser jinbdew x-xoghlijiet mehtiega.

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera prezenti li bejn l-1 u t-3 ta' Frar, f'Malta ser ikun hawn il-GranMastru ta' l-Ordni Sovrana tal-Kavallieri ta' Malta fuq zjara statali u l-Eccelenza Tieghu Fra John Critien, wera x-xewqa li lil GranMasrtu dak in-nhar jinghata c-cittadinanza onorarja. Wara diskussjoni, s-Sindku s-sur John Boxall, ssugerixxa sabiex din it-talba tigi approvata u l-GranMastru jinghata c-cittadinanza onorarja u ssugerixxa sabiex f'din l-okkazzjoni jigi ccelebrat il-ftuh tas-sala tal-Berga ta' Franza.Hawnhekk is-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jiddedika din is-sala lil Gran Mastru Princep Fra Andrew Bertie. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

6 **Taghrif dwar l-progett « SECRET »**

Is-Sindku, s-Sur John Boxall, nforma lil Kunsilliera prezenti li bejn it- 8 u l-11 ta' Dicembru, ser issir il-konferenza tal-progett "SECET" fil-belt ta' Brezno fi Slovakia. Is-Sindku zied jghid li ghal din il-konferenza ser jattendi hu bhala Sindku, kif ukoll is-Sinjura Moira Azzopardi, il-*project co-ordinator* responsabli min dan il-progett. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

7 **Hatra u approvazzjoni tas-sotto-kumitat ghal attivita f'Lulju, 2011.**

Is-Sindku,s-sur John Boxall, issugerixxa sabiex fix-xahar ta' Lulju, fil-Belt tal-Birgu tingab "Tribute Band", liema attivita ssir fil-post taht il-Forti Sant'Anglu. Is-Sindku zied jghid li din l-attivita tkun bi hlas, sabiex b'hekk jigu koperti l-ispejjez involuti. Hawnhekk is-Sindku ssugerixxa sabiex lis- Sur Gavin Mizzi, s-sur Mario Mifsud, is-Sur Trevor Mizzi, is-sur Clayton Mifsud, is-Sur Franco Scicluna, s-sur Arthur Demarco, is-sur Mario Degiovanni, s-sur Stephen Borg u s-sur Remco Slik, ikunu l-membri f'dan is-sotto Kumitat. Wara diskussjoni, l-Kunsilliera prezenti unanimament approvaw lil dawn il-membri u dwar dan kien hemm qbil unanimu. Wara diskussjoni s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jivvota l-ammont ta' €25,000 biex tkun tista' titella' din l-attivita. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

8 **Harga Kulturali ghal zmien il-Milied**

Il-Kunsilliera Judith Saliba ssugerit sabiex nhar it-Tlieta 28 ta' Dicembru, 2010, ssir harga kulturali ghal zmien il-Milied gewwa Popeye Village. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

Is-Sindku zied jghid li fl-okkazzjoni ta' zmien il-Milied, jixtieq jissugerixxi sabiex fl-20 ta' Dicembru, ssir attivita ghal anzjani residenti li jinsabu f'St. Vincent de Paule, kif ukoll f'data ohra ssir attivita ghal anzjani residenti li jinsabu fid-dar ta' l-anzjani gewwa Bormla. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

9 **Affarijiet Ohra**

9.1 Is-Sindku ssugerixxa sabiex matul il-Festi Pubblici fix-xahar ta' Dicembru, jigifieri fi 8 ta' Dicembru, fi 13 ta' Dicembru, fil-25 ta' Dicembru, kif ukoll fl-1 ta' Jannar, 2011, jingabar l-iskart domestiku xorta wahda u dan minhabba li fil-perjodu li jigu dawn il-Festi Pubblici maghhom hem mil-granet tas-Sibt u l-Hadd. Wara diskussjoni, il-Kunsilliera prezenti, unanimament qablu u approvaw dan is-suggeriment.

9.2 Is-Sindku pprezenta ghall-approvazzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti dovuti mill-Kunsill. Wara diskussjoni, s-Sindku ssuggerixxa sabiex din il-lista tigi approvata. Il-Sur Ivan Peresso - Kunsillier, issekonda u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

Il-laqgha ntemmet fil-7:30 ta' filghaxija u gie deciz li l-laqgha li jmis issir nhar it-Tnejn 3 ta' Jannar, 2011 fil-hamsa u nofs ta' filghaxija

| | |
|---|---|
| Christine Bonello<br>Segretarja Ezekuttiva | ikkonfermati John Boxall<br>Sindku |